# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 16

Is-Sibt 12 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar is-Sibt 12 ta' Lulju 2025 fil-11.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Carmela Parnis ippresedjat l-laqgħa.

### 16.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;

16.1.1 Il-Viċi Sindku għarrfet lill-membri preżenti li s-Sindku Damien Spiteri u l-Kunsillier John Cassar infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti u ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta’ xogħol. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittri ta’ apoloġija.

### 16.2 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti;

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjonijiet miġbura għall-provvisti u xogħlijiet hekk kif ġej:

- Forniment u konsinna ta’ 5 qsari tal-konkos,
- Il-kisi b’możaik ta’ dawn il-5 qsari tal-konkos imsemmija, u,
- Forniment, konsinna u l-installazzjoni ta’ 5 imwejjed tal-WPC.

16.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri preżenti li dawn il-provvisti u x-xogħlijiet huma relatati mal-proġett li l-Kunsill qed iwettaq flimkien mal-NGOs lokali b’fondi Ewropej tal-programm LEADER amministrat mill-Gozo Action Group Foundation miżura numru 4 : “Rejuvenating Gozo”.

16.2.3 Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-provvisti u x-xogħlijiet rikjesti jingħataw lill-orħos offerenti li kienu konformi mar-rekwiżiti mitluba.
Għalhekk ġie approvat mill-membri preżenti sabiex:

- Il-forniment u konsinna ta’ 5 qsari tal-konkos jingħata lill-Xerri’s Landscaping Co Ltd (€2,375.00 inkluż il-VAT),
- Il-kisi b’możaik ta’ dawn il-5 qsari tal-konkos imsemmija jingħata lill-Alka Ceramics Ltd (€2,499.83 inkluż il-VAT), u,
- Il-forniment, konsinna u l-installazzjoni ta’ 5 imwejjed tal-WPC jingħata lill-Dimech Enterprises Ltd (€4,750.00 inkluż il-VAT).

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 16.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-11.30 ta' filgħodu u ġie mfakkar li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, hekk kif pjanata fil-laqgħa preċedenti ser issir it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025.

IFFIRMATA
Carmela Parnis
Viċi Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar